MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

Volum 26
Ħarġa 11
Novembru
2023

# Attivitajiet-Novembru2023

**It-3 ta' Novembru 2023-**Peress li llum ma nistgħux niltaqgħu fis-sala, il-kumitat ħaseb li jorganizza Get Togheter ġewwa Ta' Ċensu l-Marsa (viċin il-Katamaran)  Menu-Pizza (ftira Maltija jew ftira biż-żejt) jew Burger (chicken crispy jew triple with bacon, pulled beef u bbq sauce) jew Għaġin (beef ragu jew gnocci salmone, prawns  and pistacchio) Tazza nbid jew birra jew minerali. **Prezz 15€-Booking permezz ta' Revolut lil Maureen Tarpey fuq 79895387. Għidulna x'se tieklu mal-booking.**

**L-10 ta' Novembru 2023–** Project House-20.00 Is-sinjura Gemma Sirol se tkellimna fuq l-ewwel għajnuna. Suġġett importanti ferm.

**Is-17 ta' Novembru 2023-**Quiz ma' John Muscat.

**L-24 ta' Novembru 2023–** Birthdays Ceebrations ġewwa LaSorpresa l-Qawra. Menu—**Starter-** Soppa jew Penne Bolognese jew Lasagna jew  Chiken Salad jew Ravjul. Gluten Free Penne Courgettes. **Main–** Salamun jew Chiken Breast jew Rib Eye Steak jew BBQ Spare Ribs jew Swordfish– Tazza Ilma jew Soft Drink jew Imbid– Deserta-Birthday Cake. **Prezz 26€-Booking permezz ta' Revolut lil Maureen Tarpey fuq 79895387 Għidulna x'se tieklu mal-booking.**

Qatt ma kelli f'moħħi li għad jasal iż-żmien meta se nkun jien li mmexxi dan il-grupp. Qatt ma kelli xi ambizzjoni li mmexxi l-grupp. Kien wasal iż-żmien li l-ħbiberija li L-aħna mporanti aktar mill-jien. Jiena dejjem inżomm f'moħħi fejn kont jien meta rmolt. Issa li mxejt ħafna, ma nista qatt ninsa dak il-mument iebes tal-bidu. Naf li hawn membri ġodda li qedin fil-bidu ta' din it-triq iebsa. Ma nistax inċaħħad lil dawn in-nies mis-sapport tiegħi. Ma nkunx bniedem sew jekk nagħmel hekk. Ma nkunx nisrani sew jekk nagħmel hekk. Bil-paroli biss ma naslu mkien.

Nagħlaq dan l-artiklu qasir tiegħi għal dan ix-xahar billi nagħmlilkom kuraġġ. Il-bidu tat-triq huwa mħarbat u iebes ferm. Għamlu pass pass u taslu ferm il-bogħod. Tarawx it-triq kollha f'daqqa għax tarawha twila u iebsa ħafna żgur. Taqtgħu qalbkom żgur. Kuraġġ ħbieb. Ejja nagħtu s-sapport lil-xulxin biex għada jkun aħjar mil-llum. Il-passat huwa miktub. Il-preżent qed jinkiteb. F'idejna.

***Victor***

*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

**Ħbieb**, it-triq hija iebsa. Imħarbta u diffiċli wisq biex nimxuha weħedna. Meta ta' kull xahar niġi biex nikteb dawn l-artikli dejjem ikolli problema għax ma nkunx nixtieq nirrepeti. Kien hemm żmien meta kont naħseb li dawn l-artikli ma jservu għal xejn. Mill-kummenti tagħkom fhimt li dak li nikteb fuqu jien, dak li għaddej minnu jien huwa l-istess li għaddejjin minnu intom. Li tkun taf li f'din id-dinja dak li ġara ma ġarax lilek biss huwa mportanti wkoll sabiex ma tħossokx waħdek imnikket. Jien imnikket ukoll. Iva, iċ-Chairperson ikun imdejjaq u jkun down ukoll. Jien għadni miexi wkoll. Li tkun taf kif ħaddieħor mexa l-quddiem huwa mportanti wkoll.

Dak li għamilt jien ċert mija fil-mija li kapaċi tagħmlu int ukoll għax jien mhinix speċjali. Imma jiena dejjem niftakar speċjalment f'dawk il-membri ġodda li għadhom kemm romlu. Ninsab ċert li ċerti affarijiet ikollhom bżonn jaqrawhom u jifmuhom darba għal dejjem għax żgur se jiltaqgħu magħhom. Xi darba jew oħra se jiltaqgħu magħhom ukoll. Anke romol ġodda se jasal iż-żmien, il-ħin fejn ikollom jibdew jieħdu dawk id-deċizzjonijiet l-importantu fuq ħajjitom.

**It-tfal**. Fejn hemm it-tfal, wieħed irid joqod ferm attent. Aktar mat-tfal ikunu żgħar, aktar wieħed irid joqod attent u jkollu bżonn is-sapport. Hawn tidħol l-importanza tal-familjari. Hemm it-trobbija tat-tfal fin-nofs. Hemm l-għajnuna fit-tfassil tal-karattru tagħhom. Dak li nagħmlu u ngħidu aħna l-kbar, liċ-ċkejknin jaffetwhom żgur. L-eżempju jkaxkar. Hawn min jgħid li aħna nitwielbu bil-karattru lest. Jiena ma nafx kif nitwieldu, naf biss li t-tfal żgħar ikollhom bżonna l-ħin kollu. Jekk it-tfal ikunu kibru li jifmhu ċerti affarijiet allura l-istorja tkun differenti. Jekk ikunu ħadu l-istat tagħhom ikun aktar ta' vantaġġ però xorta waħda tista tidħol ċerta biżà. Biżà li jistgħu jitilfu dak li hu tagħhom bi dritt. Ma ninsewx, it-tfal tilfu ġenitur. Anke huma għaddejjin minn żmien diffiċli ferm. Irridu nżommu kollox quddiem għajnejna. Bħalissa qiegħed niddiskuti mal-amministraturi tal-Fondazzjoni Karl Vella sabiex naraw kif nistgħu nikkollaboraw flimkien speċjalment fejn ikun hemm tfal li tilfu ġenitur jew xi qarib għażiż għalihom. Huma esperti f'dan is-settur.

*Ikompli f'paġna 2*

**Aħna r-romol.** Aħna mportanti ħafna. Għandna l-vizzju li meta normlu nħossu li spiċċa kollox. Nifhem dan is-settiment. Anke jien għaddejt minnu. Imma l-ħajja stess turik li minkejja kollox, aħna mportanti wkoll, ħafna wkoll. Jien dejjem irraġunajt u fhimt li wliedi ma jridunix dejjem imdejjaq. Ġieli rrextajt ukoll. Ġieli għamilt tabirruħi li jien kuntent meta fil-verità, ma kont kuntent xejn. Kont niddejjaq indejjaq lil-uliedi u lill ħaddieħor. Kulħadd ikollu l-inkwiet tiegħu. Hija normali li speċjalment fil-bidu ngħaddu minn żmien fejn id-deċiżżjonijiet ikunu ferm iebsa biex neħduhom. Jien meta nieħu deċiżżjoni nkun ħadtha. Trid tkun umli biżżejjed li tirranġa dejjem fejn ikun żbaljat. Żbalji se nagħmlu. Aħna tad-demm u l-laħam. L-akbar żball huwa li nidħlu f'ħajja medjokri fejn naħsbu li spiċċa kollox. Le ma spiċċax kollox. Irridu ngħixu l-aħjar ħajja possibbli f'ċirkostanzi li ma ġibnihomx aħna b'idejna. Il-pjanijiet kienu differenti, imma issa li ġara ġara, Issa, illum huwa aktar importanti mill-bieraħ.

**Ħbieb u Familjari oħra.** Kunu onesti, ħafna drabi niġu affetwati minn dak li jgħidulna l-ħbieb jew nibżgħu li nweġġgħu familjari oħra b'xi deċiżżjoni li nkunu se nieħdu. Dan iwassal sabiex naħlu ħajjitna billi ma niddeċiedu xejn.  Anke din hija normali. Dawn in-nies ikunu jixtiequ jgħinuna b'dak li jgħidulna. Jiena naħseb li fil-veritá, meta wieħed jormol ma tantx hemm xi tgħidlu. Hawn tidħol ħafna paċenzja. Mingħajr paċenzja ma naslu mkien. Ħalli nkun dirett u ċar. Fl-opinjoni tiegħi, ħadd ma għandu dritt li jindaħlilna f'dak li niddeċiedu jew li jiġġudikana. Lanqas irridu nkun aħna r-romol li niġġudikaw lil-ħaddieħor. M'għandnix dritt li niġġudikaw. **Pariri iva, jiddeċiedi ħaddieħor għalina le**. **Nirrispettaw lil-ħaddieħor iva. Neħlu fil-passat minħabba l-biżá le.** Naturalment, min jormol irid jieqaf, jaħseb u jiddeċiedi bil-kalma kollha u mingħajr indħil fuq it-triq il-quddiem. M'hemmx għaġla. M'hemmx ġhaġla ma jfissirx qatt. Ifisser biss li niddeċiedu biss meta nkun kalmi u ċerti li aħna luċidi biżżejjed sabiex niddeċiedu.

**Is-sapport.** Meta tlift lil-mara u kont mitluf, dejjem indur dawra tond u ma nasal imkien, fhimt li għandi bżonn is-sapport. Li ormolt ħassejtha kbira wisq biex ngħix biha. Fittixt is-sapport u sibtu fil-grupp tagħna. B'onesta ngħid li qatt ma kont smajt bil-Minus One. Kienet sorpriża meta sibt tagħrif fuq dan il-grupp billi żort il-website. L-ewwel darba li mort, ħassejtni ħuta barra mill-ilma. Maż-żmien bdejt nifhem kemm kienet deċiżżjoni għaqlija li kont ħadt meta ssiħibt f'dan il-grupp. Sibt familja oħra. Sibt ħbieb ġodda li jifmhu minn xiex kont għaddej. Qatt me kelli f'moħħi li nidħol fil-kumitat. rċevejt jien issa ngħaddiha lil ħaddieħor.

*Ikompli fl'aħħar paġna*

**Il-Bilokazzjoni**

Xi kultant niftakar f'kelma u nerġa nqanqal l-interess naqra ftit fuqha. Il-bilokazzjoni (jew il-multilokazzjoni) hija fenomenu paranormali li fih individwu jkun preżenti fl-istess ħin, f' żewġ postijiet differenti jew aktar. Xi drabi l-persuna tkun konxja minn dan filwaqt li drabi oħra ma jkunx, għalhekk il-fatt huwa verifikabbli biss permezz tax-xhieda ta' terzi (persuni oħra).

Il-bilokazzjoni jew il-bilokazzizzazzjoni hija fenomenu kemmxejn sorprendenti li ngħata mill-grazzja divina lil xi qaddisin. Forsi mhux kulħadd jista' jemmen imma hekk ġara lil San Pio ta' Pietrelcina jew kif kien magħruf qabel Padre Pio. Fuq dawn l-episodji Padre Pio qal, meta ġie interrogat, li ma kienx jaf eżatt x'jiġri u kif jiġri, iżda sostna li kien konxju fiż-żewġ postijiet fejn kien dak iż-żmien. Mix-xhieda miġbura, in-nies ma missewx fiżikament lil Padre Pio, iżda rawh. Skont l-ispirtu tal-Knisja, għalhekk jitkellmu mil-lat strettament teoloġiku**,** **I**l-bilokazzjoni hija l-ogħla mument ta' qdusija, li  jfakkar f'Ġesù li jidher wara l-Irxoxt bi preżenza inkorporeali imma li għadu preżenti fil-komunità Nisranija.

Darba rajt u smajt intervista ma persunaġġ televiżiv Taljan li qal li darba ra lil Padre Pio jaqsam triq minn qalb is-siġar fil-kampanja. Huwa baqa jsuq u meta wasal fil-kunvent fejn kien jgħix padre Pio sabu li diġà kien qiegħed hemm. Bilokazzjoni?

L-iktar storja famuża mill-ħafna stejjer ta' bilokazzjoni differenti dwar Padre Pio ġejja mit-Tieni Gwerra Dinjija. Waqt il-bumbardament ippjanat fuq l-Italja fl-1943 u fl-1944, l-ajruplani tal-alleati minn missjonijiet differenti rritornaw fil-bażijiet tagħhom mingħajr ma tefgħu il-bombi li kienu ppjanaw li jitfgħu. Ir-raġuni, huma rrappurtaw, kienet li raġel li qabel id-deskrizzjoni ta' Padre Pio deher fl-ajru barra l-ajruplani tagħhom, eżatt quddiem l-ajruplani tagħhom. Il-qassis bid-daqna xejjer idejh biex iwaqqafhom hekk kif ħares lejhom b'għajnejh li dehru mixgħula mill-fjammi tan-nar. Piloti Amerikani u Ingliżi u membri tal-ekwipaġġi minn skwadri differenti skambjaw stejjer dwar l-esperjenzi tagħhom ma' Padre Pio, li apparentement kien prova jipproteġi r-raħal tiegħu mill-qerda. Il-bombi qatt ma waqgħu fuq dik iż-żona matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Bħal kollox u bħal dejjem, hawn min jemmen u hawn min ma jemminx.

**<u>Dati mportanti</u>**

**It– 3 ta' Diġembru 2023-Irtir tal-Avvent**
**Is-16 ta' Diċembru-Party tal-Milied**
**Dettalji aktar il-quddiem**